# Snapchat *Nota ta' informazzjoni*

be SMART ONLINE!

? **X'inhu Snapchat?**

Snapchat hija applikazzjoni li għandha diversi funzjonijiet. Permezz ta' Snapchat tista':

- Taqsam ma' ħaddieħor ritratti, vidjows, messaġġi u tpinġijiet li huma magħrufa bħala ***SNAP***.
- Tikkreja ***STORY*** li tħallik tgħaqqad ***SNAPS*** flimkien.
- Ikollok ***VIDEO CHAT.***

? **X'għandha differenti din l-applikazzjoni?**

***SNAP*** - Inti tista' tiddeċiedi għal kemm sekondi, bejn 1 u 10 sekondi, trid li dan l-isnap jibqa' jidher. L-isnap jisparixxi meta jgħaddi l-ħin li inti tkun tajtu.

***STORY*** **–** Din tisparixxi wara 24 siegħa.

***CHAT*** – Din awtomatikament tiġi mħassra meta l-persuni kollha joħorġu miċ-*CHAT*.

? **Inti taf x'inhuma s-*settings* ta' Snapchat?**

Kun żgur/a li tinforma ruħek regolarment dwar is-*settings* għax dawn jistgħu jinbidlu.

- Kun żgur/a li l-ħbieb tiegħek biss jistgħu jibagħtulek ***SNAP*** u li jkunu jistgħu jaraw l-I***STORY*** tiegħek.
- Tista' twaqqaf il-persuni milli jibagħtulek ***SNAPS*** billi tagħfas ***BLOCK***.
- Għal aktar informazzjoni tista' iċċempel lill-***Helpline 179*** jew tibgħat imejl fuq 179.appogg@gov.mt.

? ***SNAP, STORY*** **jew** ***VIDEO CHAT*** **jistgħu jiġu ssejvjati?**

**IVA.**

- ***SNAP*** - Huwa minnu li normalment ma jkunx hemm biżżejjed ħin biex is-snap ikun issejvjat, **IŻDA**, hemm applikazzjonijiet oħra li, b'mod awtomatiku, jissejvjaw is-snap li inti tkun bgħatt. Wieħed jista' wkoll jieħu *screen shot* jew jieħu ritratt tal-iskrin b'kamera oħra.
- ***STORY*** - L-*istory* tisparixxi b'mod awtomatiku wara 24 siegħa, **IŻDA,** hemm funzjoni fi Snapchat li tħallik tissejvja l-istorja tiegħek.

? ***SNAP, STORY jew VIDEO CHAT*** **jistgħu jintbagħtu lil ħaddieħor?**

**IVA.**

- Peress li dawn jistgħu jiġu ssejvjati, faċilment jistgħu jintbagħtu lil ħaddieħor. Dan jista' jsir permezz ta' Snapchat innifsu, siti ta' netwerking soċjali oħra jew imejl.

? **X'għandi nagħmel jekk xi ħadd jibgħatli *SNAPS* li jien ma rridx?**

Inti għandek **TINBLOKKA** l-persuna. Inti tista' titkellem mal-ġenituri tiegħek, mal-għalliema , mal-*counsellor* jew ċempel lill-***Helpline 179*** biex jgħinuk.

! Ftakar **Tiġbidx** u **Tixxerjax** materjal li jista' jġibek fil-problemi llum jew, li fil-futur, jiddispjaċik li tkun ixxerjajtu. Jekk tixxerja xi ħaġa, anke jekk ma' persuna waħda, inti tkun tlift il-kontrol fuq dik il-ħaġa. Il-ħbieb li għandek illum mhux bilfors ikunu ħbieb tiegħek għada!

! Jekk tiltaqa' ma' materjal mhux xieraq – **Irrapporta!** Tista' iċċempel lill-***Helpline 179,*** tibgħat imejl fuq 179.appogg@gov.mt, jew iżżur is-sit www.besmartonline.org.mt għal aktar informazzjoni.



APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

mca
MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

INHOPE insafe

The project is co-funded by the European Union through the Safer Internet Programme and is part of the joint Insafe-INHOPE networks.